# Il-Ħuttafa

Numru **149**

Novembru – Diċembru 2018



Faqqiegħ vjola

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Desirée Falzon

Dil-ħarifa kienet tajba għall-faqqiegħ għax għamlet ftit xita sew. Dal-**fungu stramb** jismu ***Anthracobia*** u nstab jikber f'Foresta 2000.

mill-editur

# Ħbieb Ħuttaf

Waslet ix-xitwa, it-temperatura nieżla ftit ftit u dalwaqt tasal il-kesħa. Aħna nitgeddsu ġewwa, nixegħlu l-ħiter u nilbsu sħun. Imma l-għasafar imsieken ikollhom jgħaddu x-xitwa barra!

L-għasafar jifilħu għall-kesħa iktar milli naħsbu, basta jkunu f'saħħithom. L-għasafar huma *warm-blooded* bħalna u biex ġisimhom iżomm sħun jaħli ħafna enerġija. Għalhekk bħalna, l-għasafar iridu jieklu kemm jista' jkun kuljum, inkella jiksħu, jitgħaxxew u jmutu.

Il-problema hi li fix-xitwa l-għasafar ma tantx isibu x'jieklu għax ħafna insetti jew imutu jew jitrekknu fil-ħofor u l-bejtiet tagħhom. Għalhekk għasafar li s-soltu jieklu dud, ħniex u insetti, fix-xitwa jibdlu d-dieta u jibdew jieklu frott irqiq (*berries*) li diversi pjanti jkabbru fil-ħarifa u fix-xitwa. Imnalla jkun dan il-frott għal għasafar bħal pitirrossi, bekkafiki u buful, inkella jmutu bil-ġuħ żgur.

Aħna x'nistgħu nagħmlu biex ngħinuhom? Żewġ affarijiet:

Victor Falzon




**Narmaw bird-table** fil-ġardina, fil-bitħa, fuq il-bejt, fil-gallerija, anke fit-tieqa.

Guido Bonett




**Inħawlu pjanti** li jagħmlu l-frott fix-xitwa, bħal deru, liedna, żagħrun, rand, riħan, żebbuġ u pajżana.

Bla dubju dan ikun l-isbaħ rigal tal-Milied li nistgħu nagħtu lill-għasafar. Nawguralkom Milied sabiħ u vaganzi mimlijin ferħ u daħq.







Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

## Faqqiegħ Vjola

Wood Blewit *Clitocybe nuda / Lepista nuda*

Faqqiegħ sabiħ ta' lewn mhux tas-soltu li jvarja minn roża ċar sa lelà skur. Jikber tard fil-ħarifa u fix-xitwa qalb weraq niexef għad-dell umdu ta' taħt xi siġar, fosthom imsaġar tal-ballut (ara paġni 12–13). Skars.



Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Xjenza fin-natura** | **4** |
| **Mid-Dinja** | **5** |
| **Kun ambjentalist dal-Milied** | **5** |
| **Dal Milied... iżra' balluta!** | **6** |
| **Fjuri tax-xitwa** | **7** |
| **Il-kokka** | **8–9** |
| **Kolina u Żeppinu** | **10** |
| **L-industrija tal-laħam** | **11** |
| **Il-balluta** | **12–13** |
| **Il-gallozz iswed** | **14–15** |
| **Starfish and sea urchin** | **16** |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Sean Bonello, Martina Brancato (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv)

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Diċembru 2018

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Ġdida għax-Xjenza

***Baryscapus ecballii*** huwa l-isem ta' speċi ġdida ta' żunżana li nstabet Malta. Ġdida mhux biss għal Malta imma ġdida wkoll għax-xjenza!

Din iż-żunżana hija żgħira ħafna – xi 2mm kollox – u hija [1]parassita fuq in-nannakola tal-faqqus il-ħmir (*gourd ladybird*). Il-larvi taż-żunżana jiżviluppaw fil-fosdqa tan-nannakola u ftit ftit jikluha minn ġewwa. U mill-fosdqa flok toħroġ nannakola toħroġ partita żnażan. Kollox fuq medda iżgħar minn munita tal-1ċ!

Iż-żnażan tal-[2]ġeneru *Baryscapus* huma lkoll żgħar ħafna u trid mikroskopju biex tistudjahom. L-ispeċi l-ġdida ssemmiet ***ecballii*** għall-pjanta tal-faqqus il-ħmir (squirting cucumber *Ecballium elaterium*) li fuqha tgħix in-nannakola.

Din iż-żunżana nstabet f'Ħaż-Żebbuġ u skoprieha l-ħabib tagħna Thomas Cassar, entomologu żagħżugħ u akkanit. Prosit Thomas.




Victor Falzon

**Id-daqs proprju taż-żunżana!**

***Baryscapus ecballii***

# Ġdida għal Malta

Desirée Falzon
Victor Falzon



Victor Falzon



Desirée Falzon

Il-familja tan-naħal u żnażan hija kbira ħafna b'iktar minn 150,000 speċi madwar id-dinja. F'Malta għadna ma nafux l-ispeċi kollha li għandna, imma għandna żgur mijiet. U kif taraw minn din il-paġna, in-numru għadu qed jikber.

F'Awwissu li għadda l-awturi kienu fil-ġnien jieħdu r-ritratti ta' żunżana taz-zokk tirrombla t-tajn (ara r-ritratt tond) biex tibni l-bejta. Wara ftit indunaw li kien hemm mhux tip wieħed imma żewġ tipi ta' żnażan jirrumblaw it-tajn! Jixxiebhu imma mhux l-istess: waħda minnhom (ara r-ritratt kbir) kienet ikbar u iktar skura mill-oħra. Ħmmm...

Wara ftit riċerka sabu li ż-żunżana l-kbira kienet fil-fatt **black-and-yellow mud-dauber** *Sceliphron caementarium.* Mid-dehra din hija speċi ġdida għal Malta u nistgħu nsejħulha **żunżana taz-zokk kbira**.



Victor Falzon

# Tinsewx!

**Jekk fil-jiem li ġejjin tkunu l-Belt Valletta fi nżul ix-xemx (4.30pm – 5.00pm), tinsewx tħarsu 'l fuq! Għandkom taraw ruxxmata zizka bojod deħlin itiru għall-irqad. Iz-zakak abjad (white wagtail) huwa għasfur żgħir b'denbu twil. Matul il-jum ikun mifrux mal-kampanja jfittex x'jiekol imma filgħaxija jinġabru eluf biex jorqdu f'siġar folti. Fil-Belt kull filgħaxija jidħlu jorqdu 'l fuq minn 10,000 zakak abjad! Tul ix-xitwa kollha.**

[1]**parassita**. Annimal jew pjanta li jisirqu n-nutriment tagħhom minn annimal jew pjanta oħra.
[2]**ġeneru**. L-ewwel miż-żewġ kelmiet li jiffurmaw l-isem xjentifiku ta' annimal jew pjanta, pereżempju *Erithacus* (ġeneru) *rubecula* (speċi), li huwa l-pitirross.



is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Xjenza fin-natura

Kien Ħadd f'Diċembru. L-erba' tewmin kienu qegħdin fir-riserva naturali tas-Salina. Sylvia kienet ġennithom biex imorru s'hemm ħalli jieħdu sehem fl-isfida *Xjenza fin-Natura* tal-BirdLife. Kellhom isibu xi ħaġa fir-riserva li torbot max-xjenza. Sylvia kienet ċerta li se jirbħu l-kompetizzjoni minħabba s-seħer li hi, ħuha Peter u sħabhom Maris u Sky kellhom man-natura meta l-erbgħa jkunu flimkien.

Kienu mixjin mal-passaġġ id f'id, jisimgħu l-ilħna tal-mijiet ta' għasafar li kienu qed jistrieħu fis-salini. Resqu lejn ringiela gawwi bilwieqfa fuq ċint bejn salina u oħra, waħda wara l-oħra. Maris daħqet

"Ara daqsxejn kif joqogħdu – kollha jħarsu l-istess naħa!"

Dak il-ħin it-tfal semgħu geġwiġija ilħna lejn nofs ir-ringiela, hekk kif waslet u poġġiet gawwija oħra. Mill-kulur tar-rix Sylvia ndunat li din kienet gawwija żagħżugħa tal-ewwel sena... u kienet poġġiet bil-kontra!

*"Dur! Dur! Dur! Ħares bħalna, belha!"*

*"Munqarek lejn ir-riħ, ruħi, ħalli r-riħ ma jħarbtlekx ir-rix."*

*"Wiċċek lejn ir-riħ, hi, ħalli x'ħin ittir ir-riħ jgħinek togħla, inkella jarmik għal wiċċek!"*

It-tewmin ħarsu lejn xulxin u "XJENZA!" għajtu flimkien.

Sylvia malajr niżżlet fuq karta kif il-gawwi jħares lejn ir-riħ meta jpoġġi ħalli l-forza tar-riħ tgħinu jitla' 'l fuq meta jtir mill-art.

"Ejja naraw x'inhuma jgħidu dawk il-marguni," qalet Maris, "forsi niddubbaw xi tagħrif oħra."

Issa lkoll kienu eċċitati daqs Silvia u għaġġlu lejn erba' tajriet kbar suwed b'għonqhom twil. Dawn kienu bilwieqfa, tlieta minnhom ġwinħajhom miftuħin qishom indendlin fuq wajer tal-inxir!



Aron Tanti

*"Aaaħħ x'gost, kif qed tnixxifni x-xemx! Sirt għasra biex għodost għal dak il-mulett."*

*"Għalfejn m'intix tnixxef ġwinħajk? Iftaħhom jaħasra!"*

*"Ma nistax għax sparali kaċċatur u spallti qed tuġagħni. Aħjar konna bħall-gawwi u kelli r-rix żejtni u ma jixxarrabx daqshekk meta nogħdos."*

It-tfal issa kienu żiedu żewġ fatti għall-kompetizzjoni, imma ma kinux qed jifirħu għax kien qed jiddispjaċihom għall-margun ferut.

"Innutajtu li kien hemm xi gawwi hekk ukoll?" staqsa Sky.

It-tewmin kienu raw xi għasafar izappu u sewdu qalbhom li jidħlu kaċċaturi kontra l-liġi fis-Salina.

"Naf x'nagħmlu!" qal Peter. "Sky, ibda pinġi..."

Siegħa wara, l-erbat itfal marru jiġru fiċ-Ċentru biex idaħħlu l-ideat tagħhom. Minbarra l-fatti dwar l-għasafar, it-tewmin ippreżentaw poster għall-websajt tal-BirdLife. Fost tpinġija ta' għasafar u spjega fuq il-ġwienaħ, Sky kien żied l-avviż:

WIRJA TA' XJENZA ĦAJJA,
KULJUM FIS-SALINA.

It-tfal irraġunaw li iktar ma jkun hemm għajnejn fuq l-għasafar, inqas issir kaċċa illegali.

Il-*leaders* tal-BirdLife ħasbu li t-tewmin kienu daqshekk tajbin għax Sylvia kienet membru fi Klabb Ħuttaf. Kemm għemżu lil xulxin meta rebħu t-trofew...



Victor Falzon





## L-anzjana Lajsana

Wisdom huwa l-isem ta' Laysan albatross speċjali ħafna. L-istudjużi ilhom ħafna josservaw lil Wisdom u ftit ilu sabu li reġgħet biedet bajda fil-bejta tagħha fuq Midway, gżira f'nofs l-Oċean Paċifiku. B'daqshekk! L-għasafar mhux kollha jbidu? X'għandha speċjali din? Għax Wisdom dis-sena għalqet 68 sena (forsi iktar)! Fir-ritratt tidher mal-partner tagħha Akeakamai – ilhom ħafna snin flimkien.

It-tajr tal-baħar huwa magħruf li jgħix ħajja twila. Sa fejn nafu, Wisdom hija l-ixjeħ għasfur fis-selvaġġ li għadu jbejjet.

## Kun ambjentalist dal-Milied...



**Tagħtux annimali bħala rigali.** Ħafna nies ma jkunux ippreparati biex irabbu pets, u l-imsejken annimal jispiċċa jintelaq barra wara ftit taż-żmien.



**Tużax karta tleqq biex tqartas ir-rigali.** Wara kollox ir-rigal li jgħodd, mhux il-qartas tiegħu! Uża *brown paper* u forsi ftit żigarella.



**Jekk tagħmel festin tużax affarijiet tal-plastik.** Il-plastik mormi qed jifga lid-dinja. Uża materjal li jerġa' jintuża, bħal metall u ħġieġ.



**Tħallix dwal u tiżjin jixegħlu binhar u bil-lejl.** Ixgħelhom biss x'ħin jidlam u itfihom f'ħin l-irqad. Id-dawl juża ħafna enerġija li qed ikompli jħammeġ l-arja.

## Maqlubin! ¡uıqnlbɐW Maqlubin! ¡uıqnlbɐW

F'*Il-Ħuttafa* 148 kellna żball żgħir. Fl-istampa **Il-Ġganti** (ta' paġna 7) kellna żewġ numri maqlubin, Dawn kienu l-emu u d-dodo. Diversi membri b'għajnejn ta' seqer indunaw u qalulna. Prosit – dan ifisser li taqrawha u tifluha sew *Il-Ħuttafa*!







Bank of Valletta is by my side every day, assisting me to a better financial future, whatever stage in life I am in. Bank of Valletta, my lifetime companion.

www.bov.com or contact 2131 2020

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Dal-Milied… iżra' balluta!

## Għaliex balluta?

- Għax sabiħa.
- Għax tgħix ħafna.
- Għax tikber ħafna.
- Għax faċli tkabbarha.
- Għax ħafna ħlejjaq iħobbuha.
- Biex inpattu għall-eluf ta' ballut li nqatgħu min-nies.

Iktar tagħrif fuq il-balluta f'paġni 12–13.

## 1 Iġbor il-ġandar

Issa sew! Minn fejn? Madwar it-Tinda **fil-Buskett** hemm diversi siġar tal-ballut. **Pjazza San Duminku** fir-Rabat ukoll, u anke **l-Furjana** quddiem il-Phoenicia.

## 2



Il-ġandra spiss taqa' mis-siġra bil-kappell imwaħħal. Dan neħħihulha.

## Agħżel sew…

Meta tiġbor il-ġandar, qis li tagħżel ġandar tajjeb inkella ma jinbitlekx…



Agħżel ġandar kbir, skur, lixx u jleqq. Bħal din.

Ġandar bħal dan t'hawn taħt tiġbrux…




Victor Falzon

## 3




Jekk m'għandekx qasrija aqbad pakkett tal-ħalib u aqtagħlu l-parti ta' fuq.

## 4



Imla l-pakkett bil-ħamrija (tfawrux). Jekk tista' tħallatha ma' ftit kompost aħjar.

## 5

Poġġi ġandra jew tnejn mimdudin ftit taħt il-wiċċ.



- Poġġi l-qasrija jew pakkett fid-dell (mhux fid-dlam).
- Żomm il-ħamrija ftit niedja – **tifqagħhiex** bl-ilma, inkella l-ġandra timmuffalek!
- Meta tinbet oħrogħa fid-dawl imma mhux f'xemx diretta.
- Wara xi sena neħħiha mill-qasrija u ħawwilha fl-art.

# Qatluh! ☹☹☹

Fjamingu li kien ilu jgħix għall-kwiet fir-riserva tal-Għadira minn Settembru 2017 inqatel tard f'Novembru 2018.

Kriminal armat b'senter daħal għalih bil-lejl, sparalu, qatlu u ħadu. L-għada l-gwardjani tar-riserva sabu biss ftit rix roża u skartoċċ tal-kaċċa vojt.

Dak il-fjamingu kien ilu iktar minn sena jagħti gost lil eluf ta' nies li żaru l-Għadira biex jarawh, fosthom eluf ta' tfal tal-iskola – forsi inti stess li qed taqra.

Dan ir-ritratt tal-fjamingu nġibed ftit ġranet qabel ma nqatel.



Raymond Vella

# Fjuri tax-xitwa

**Meta nsemmu l-istaġun tal-fjuri s-soltu naħsbu fir-rebbiegħa. Imma fil-fatt hemm ħafna fjuri li jaħsbulu iktar kmieni u jiftħu fix-xitwa. Dawn huma disgħa minnhom. Uħud komuni ħafna, oħrajn rarissmi.**



Din komuni u tikber baxxa fuq ħamrija mikxufa.

**Garni tal-Pipa**
Friar's Cowl

Victor Falzon



Din komuni u tikber anke fl-imħarbat.

**Fidloqqom**
Borage

Desirée Falzon



Din komuni, tikber fl-isteppa.

**Berwieq**
Branched Asphodel

Joe Sultana



Din komuni fix-xagħri f'ħamrija baxxa fejn jinġabar ftit ilma.

**Bebuna**
Annual Daisy

Victor Falzon



Din rari sew! Tikber mal-ġnub tar-raba'.

**Għajn is-Serduq**
Pheasant's Eye

Victor Falzon



Din mhix komuni imma f'xi nħawi ta' steppa taflija tifforma rqajja' sbieħ.

**Narċis**
Narcissus

Desirée Falzon



Din mhux komuni u tikber baxxa fix-xagħri.

**Orkida tat-Tikek**
Milky Orchid

Aron Tanti



Din komuni ħafna, tikber kullimkien, anke fl-imħarbat.

**Lellux**
Crown Daisy

Victor Falzon



Din komuni ħafna!

**Qarsu**
Cape Sorrel

Victor Falzon

**Jekk dix-xitwa tmorru passiġġata fil-kampanja (jew xi ħarġa tal-BirdLife) ħudu l-magażin magħkom u ara liema minnhom taraw.**

U dawk li taraw ittikkjaw!



# Kokka

Eurasian Scops Owl *Otus scops*

Ritratt ta' **Joe Sultana** meħud Ix-Xagħra, Għawdex

# Poster Il-Ħuttafa







# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**




**Żeppinu.** Ara naqra Nanna x'irnexxieli niddobba! Il-kontenitur għall-ġbir separat tal-iskart organiku.

**Kolina.** Dak minn fejn ġibtu Żeppinu?

**Żeppinu.** Issa dak sigriet, imma naf żgur li se jkolli bżonnu – u kif!

**Kolina.** U għaliex ser ikollok bżonnu? Jaqaw ħa tivvinta xi oħra minn tiegħek?

**Żeppinu.** Le Nanna, m'iniex ser nagħmel praspar. Ser nagħmel festin kbir għal żmien il-festi, u ovvjament inti mistiedna. U ara li tkun ilek ma tiekol xi tliet ijiem għax żgur f'ħajtek qatt m'inti ser tkun rajt daqshekk ikel. Għalhekk il-kontenitur għall-iskart organiku – ħalli dak li ma nifilħux nieklu, narmuh.

**Kolina.** Imma inti bis-serjetà Żeppinu?! Inti trid jagħtini attakk tal-qalb?

**Żeppinu.** Le Nann, ħa noqgħod attent – m'hemmx żjut u xaħam minħabba saħħitna.

**Kolina.** Le Żeppinu, jaħasra! Jagħtini attakk nara dik il-ħela kollha ta' ikel. Mela ma tafx li l-ikel biex jitkabbar u jasal għand il-konsumatur jintużaw ħafna riżorsi – ilma, enerġija elettrika biex l-ikel jipproċessawh, dħaħen mit-transport biex iwasslu l-ikel. Barra minn hekk, l-ippakkeġġjar li jiġi mal-prodotti jżid aktar skart. Qed tara x'impatt ħażin iħalli fuq l-ambjent il-ħela ta' ikel, Żeppinu?

**Żeppinu.** Tassew Nanna, kif ma ħsibtx fuqha din? Tħabbel rasek xejn, ħa noqgħod attent ħafna x'ser nixtri għall-ikel u noqgħod attent li ma nagħmilx ikel żejjed. Fil-kontenitur ser nitfa' biss skart organiku li ma nistgħux nevitaw bħal qxur tal-frott, ħaxix u bajd. U jekk jibqa' xi ikel nerfgħuh mill-ewwel kif suppost biex nikluh fil-ġranet ta' wara. Wara kollox, aħna m'għandniex bżonn ħafna ikel biex nieħdu gost!

**Kolina.** Hekk hu Żeppinu, kull m'għandna bżonn biex nieħdu gost huwa ambjent sabiħ u kumpanija tajba!



## U intom?

Ser tgħaddu dan il-messaġġ lill-kbar biex fi żmien il-festi ma nippreparawx ikel żejjed? Se tiftakru tużaw ir-reċipjent għas-separazzjoni tal-iskart kif suppost? Il-festi t-tajba lil kulħadd!

Tpinġija Victor Falzon

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE



Sean Bonello

# L-industrija tal-Laħam




Victor Falzon

## M'għadux lussu

Żmien ilu, li jkollok laħam bħala ikla kien meqjus lussu, u kien jinżamm biss għal okkażjonijiet speċjali jew inkella għall-ikliet tal-familji ta' nhar il-Ħadd. Però llum dan m'għadux il-każ – illum-il ġurnata hemm industrija multi-biljunarja li tipproduċi l-laħam li jasallek fil-platt.

Biex tlaħħaq mad-domanda tas-supermarkets l-industrija tal-laħam tipproduċi kwantità enormi ta' laħam. L-annimali jitrabbew ġo rziezet kummerċjali kbar, u dan qed isir bl-iktar rittmu mgħaġġel fl-istorja tad-dinja.

## Ikollhom inaqqsu...

Ħafna pajjiżi wegħdu li sas-sena 2050 jkunu naqqsu ħafna mill-attività li hija ta' ħsara għall-ambjent. L-istudji juru li biex dan iseħħ il-pajjiżi jridu jnaqqsu drastikament il-konsum tal-laħam, uħud minnhom anke b'90%.

## Art, riżorsi, gassijiet...

X'inhi r-raġuni li dik il-qatgħa laħam fil-platt għandha impatt tant qawwi fuq l-ambjent?

L-ewwelnett biex trabbi dawk il-miljuni ta' bhejjem trid **ħafna art**: art fejn jinżammu l-annimali u art fejn tkabbar l-għalf biex titmagħhom. Għal dan jinqerdu meded enormi ta' foresta tropikali. Ħafna mill-Foresta Amazon qed tinqered mhux – kif jaħsbu ħafna nies – għall-injam imma biex l-art tinbidel f'*ranches* għall-baqar... ħalli mbagħad dawn isiru bergers!

It-trobbija tal-bhejjem għal-laħam tinvolvi wkoll **ħela kbira ta' riżorsi**. Biex tipproduċi kilo laħam jintużaw mas-16,000 litru ilma – **biżżejjed ilma biex tieħu xawer kuljum għal sena sħiħa!**

L-industrija tal-laħam **tipproduċi ħafna gassijiet serra** (il-bhejjem stess jipproduċi kwantità kbira ta' gass). Dawn huma l-kawża ta' deforestazzjoni, tnaqqis drastiku tal-ilma, wesgħat kbar bla ossiġnu fl-ibħra (magħrufin bħala *dead zones*), u sintendi **bdil fil-klima** u l-problemi li dan il-bdil qed joħloq.

**Skont l-aħħar studji, l-aħjar mod biex ittaffi l-impatt tiegħek fuq l-ambjent naturali huwa li tnaqqas il-konsum tal-laħam.**

## X'ser jiġri?

Fis-snin li ġejjin il-popolazzjoni umana ser taqbeż l-10 biljun. Illum diġà hemm impatt tant negattiv fuq l-ambjent, allura x'ser jiġri meta l-ammont ta' persuni jiżdied bi 2.3 biljun? Veru li mhux kulħadd jiekol laħam daqs kemm jittiekel fil-pajjiżi żviluppati, imma d-dieti li jinkludu l-laħam huma ferm iktar aċċessibbli llum milli qatt kienu.

## Staqsi lilek innifsek

Dak il-laħam li tiekol kull ġimgħa (jew iktar spiss) huwa lussu żejjed għall-prezz li qed tħallas għalih id-dinja? Taħseb li wasalna f'punt fejn nibbilanċjaw id-dieti tagħna sabiex nilħqu s-sostenibbiltà fl-ikel?






# il-balluta



## Holm Oak *Quercus ilex*

**Qabel wasal il-bniedem, Malta aktarx kienet miksija f'ħafna nħawi bil-bosk tal-ballut. Meta ġew in-nies qatgħu s-siġar kollha u llum kull ma baqa' mill-bosk (forsi) oriġinali huma tliet irqajja' żgħar fil-Wardija, fl-Imġiebaħ u f'Wied Ħażrun.**



Victor Falzon

### Weraq

Il-weraq tal-ballut, speċjalment weraq ġdid, ikun bit-truf isserrati u jixbah ħafna lill-weraq tal-*holly*, dik il-pjanta li jżejnu biha fil-Milied (f'Malta ma tikbrix). Fil-fatt il-kelma **holm** fl-isem Ingliż u l-kelma ***ilex*** fl-isem xjentifiku t-tnejn ifissru *holly*. Il-balluta hija siġra dejjem-ħadrana (*evergreen*).





Desirée Falzon

### Qoxra, daqs u età

Il-qoxra tal-balluta hija ħarxa u ta' lewn griż b'xi leħħiet kannella ċar. Fejn ikollha l-kenn u ħamrija fonda biżżejjed, il-balluta tista' togħla sa 30m, u daqshekk ieħor kapaċi tifrex dlielha 'l bogħod miz-zokk ewlieni. Kif jidher sew fir-ritratt ta' faċċata il-balluta hija tabilħaqq siġra majestuża. Tista' tgħix iktar minn 1000 sena!



Victor Falzon

### Frott

Il-frotta tal-balluta tissejjaħ **ġandra** (bl-Ingliż *acorn* – il-frotta għażiża tal-ġrejden Scrat fil-films *Ice Age* :). Balluta kbira tipproduċi u twaqqa' eluf ta' ġandar f'Diċembru. Il-ġandar faċli ħafna biex tnibbtu (ara paġna 6).





Desirée Falzon

### Bijodiversità

Bosk imdaqqas tal-ballut (mhux f'Malta) jipprovdi kenn u ikel għal ħafna annimali. Il-ġandar jittiekel minn annimali ta' kull daqs, minn ħanfus mikroskopiku sa majjal selvaġġ (*wild boar*)! Qalb il-weraq folt ibejtu diversi għasafar, fosthom ir-rożinjol (*nightingale*) u l-kuċċarda (*honey-buzzard*). U fit-terriċċju umdu taħt is-siġar jikbru diversi speċi ta' faqqiegħ, bħall-faqqiegħ vjola (ritratt p. 1).

**Din il-balluta hija aktarx l-ixjeħ siġra f'Malta. Tgħodd mal-1000 sena u tinsab fil-Wardija.**

**Fl-artijiet tal-Mediterran il-bosk tal-ballut huwa l-*climax community* tal-ambjent naturali. Fi kliem ieħor, meta ħabitati jiżviluppaw b'mod naturali minn wieħed għal ieħor, fir-reġjun tagħna l-bosk tal-ballut huwa ġeneralment l-aħħar ħabitat li jiżviluppa. Dan il-proċess jieħu l-mijiet tas-snin għax il-ballut jikber bil-mod. Xi partijiet ta' Foresta 2000 maż-żmien għad jiżviluppaw f'bosk tal-ballut.**




Victor Falzon

# il-Gallozz Iswed

## Tħaxwixa f'xatt l-għadira!

**Mistħi u mgerrex, dan l-għasfur jisparixxi qalb il-ħaxix folt mal-ewwel sinjal ta' periklu, u ma jerġax joħroġ malajr.**

Isem xjentifiku *Gallinula chloropus*
Isem bl-Ingliż Moorhen
Daqs 27-31ċm Piż 200-490g
Ikel pjanti tal-ilma, ħaxix, dud, insetti
Ħabitat għadajjar bi xtut folti bil-pjanti
Status komuni fil-passa, uħud residenti s-sena kollha f'xi nħawi

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.

Joe Sultana



Bejta tal-gallozz iswed. Il-mara kapaċi tbid sa 15-il bajda imma minn 5 sa 9 huwa iktar normali. Idumu ftit iktar minn ġimagħtejn sa ma jfaqqsu.

Victor Falzon

Daqs proprju ta' bajda ta' gallozz iswed



Denis Cachia



Il-flieles tal-gallozz iswed kapaċi jgħumu ftit ħin biss wara li jfaqqsu. Dan fellus ta' ftit ġranet.

BirdLife Malta



Ir-riserva tas-Simar għandha ambjent perfett għall-gallozz iswed.

Aron Tanti



Gallozz iswed żagħżugħ b'libsa sħiħa ta' rix, li issa jaf itir u jfendi għal rasu. Biex isir lewn l-adulti, però, iridu jgħaddu ftit xhur oħra.

Raymond Galea



Fi żmien il-bejta l-irġiel jiġġieldu bejniethom għat-territorju.




**Territorju**? Territorju hija biċċa art – jew anke roqgħa ilma fil-baħar – li annimal jiddefendi biex fiha jkun jista' jgħix u jrabbi familja. Pereżempju meta tisma' pitirross itektek u jgħanni, dak ikun qed iwissi pitirrossi oħrajn biex ma jidħlulux fit-territorju.

# STARFISH & SEA URCHIN

## WHAT DO THEY HAVE IN COMMON?





You might not think there is much in common between the prickly, five-armed starfish and the rounded spiny sea urchin!

But they are both members of a group of sea creatures known as Echinoderms; their name means '*spiny skinned*'.

## ECHINODERMS HAVE SEVERAL UNIQUE FEATURES!



1. The body is divided into five equal parts.






2. Special 'canals' move sea water through the body, controlling movement, feeding and breathing.



3. Tiny suckers are used for walking on rocks or sea floor, and holding prey.

### DID YOU KNOW?

The mouth is on the underside and the back is on top.
Most starfish are predators, extruding the stomach from the mouth to engulf prey.

After digesting the nutritious parts, the starfish swallows its stomach back into its body.

Starfish can readily regenerate parts of their body.





### REMEMBER!

They need sea water to survive.
DO NOT TAKE THEM OUT OF THE WATER!

